MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Marzu, 2010

Citazzjoni Numru. 1007/2009

***Bank of Valletta p.l.c.***

***versus***

**Mario Magri**

1. F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda titlob illi l-konvenut irodd tlieta u disgħin elf, tmien mija u tliet euro u ħames ċenteżmi (€93,803,05) bilanċ ta' self magħmul lilu, billi qiegħda tgħid illi seħħew il-kondizzjonijiet biex tista' titlob il-ħlas lura tal-bilanċ kollu tas-self. L-attriċi qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 t'April 2009 u tal-mandat ta' sekwestru ippreżentat flimkien mar-rikors maħluf, u l-imgħaxijiet mit-18 ta' Settembru 2009 sa meta jsir il-ħlas.
2. Il-konvenut, għalkemm notifikat bl-atti u bl-avviż tas-smigħ, ma ressaqx eċċezzjonijiet fiż-żmien li tagħti l-liġi u lanqas deher għas-smigħ tal-kawża. Għalkemm ingħata fakoltà li jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub kif igħid u jrid

l-art. 158(10) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ma għamilx sottomissjonijiet dwar it-talbiet tal-attriċi.

3. Mix-xiehda mressqa mill-attriċi jidher illi tassew illi l-konvenut għandu jagħti daqskemm mitlub fir-rikors maħluf, u illi l-bilanċ tas-self għandu jintradd minnufih.

4. Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi tlieta u disgħin elf, tmien mija u tliet euro u ħames ċenteżmi (€93,803,05), flimkien mal-imgħaxijiet u l-ispejjeż mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------